# L-Edukazzjoni fl-Imgħoddi

Illum kulħadd imur l-iskola. Issib skejjel kullimkien, anke fl-aktar raħal żgħir. Kulħadd irid jagħmel mill-anqas sa sittax-il sena l-iskola. Ħafna jibdew ta' madwar tliet snin u jkomplu sa wara l-għoxrin sena - *kinder*, skola primarja, skola sekondarja, edukazzjoni għolja, università, skejjel tas-snajja', tat-teknika.... Għoxrin sena tfisser parti sewwa minn ħajja ta' bniedem; madankollu jgħidulek li trid tkompli tistudja, tieħu korsijiet, iżżomm ruħek aġġornat. Saħansitra l-ekonomija tal-pajjiż tiddependi mill-edukazzjoni taċ-ċittadini. Għax id-dinja qiegħda tinbidel b'rata tant mgħaġġla li biex tlaħħaq magħha trid tkompli titgħallem, anke meta tikber, inkella taqa' lura u lanqas postok ma żżomm.



*Ritratt meħud ftit taż-żmien wara li tlesta l-bini tal-iskola primarja preżenti tal-istat (Ritratt ta' Ġużeppi Sammut)*

Iżda fl-antik, il-ħajja kienet diferenti ħafna. Il-parti l-kbira tan-nies la kienu jafu jiktbu u lanqas jaqraw. Il-kotba kienu oġġetti rari u jqumu ħafna flus. Ngħiduha kif inhi, jekk persuna tkun taf li f'ħajjitha qatt mhu se jkollha ktieb, mhux se tiġiha x-xewqa li titgħallem taqra. Kienu jitgħallmu jiktbu u jaqraw dawk li x-xogħol tagħhom, meta jikbru, kien jirrikjedi hekk, bħal qassis, tabib, avukat, skrivan eċċ. Minħabba li t-tfal ġeneralment kienu jieħdu s-sengħa ta' missierhom aktarx li kont issib nies ta' skola fl-istess familji. Nies litterati kienu jesiegu li t-tfal tagħhom jattendu xi skola. Iżda tifel ta' bidwi, diffiċli kont issibu jaf imqar jikteb ismu. Min-naħa l-oħra, ilsir li jkun trabba minn meta kien tifel ġo dar ta' nies edukati, ngħidu aħna ta' xi kavallier, xi drabi kont

Għall-bqija, l-irġiel tas-sengħa kienu jgħaddu sengħethom lil uliedhom biex maż-żmien jieħdu x-xogħol f'idejhom. Dan kien jiġri wkoll fl-impjiegi mal-Ordni u ma' oħrajn. Meta l-missier kien jara li t-tifel tiegħu kiber waqt li hu, m'għandniex xi ngħidu, ikun beda jixjieħ, kien jirranġa biex idaħħlu miegħu. Kien jgħinu u jieħu parti mill-paga, u meta l-missier kien jieqaf mix-xogħol, it-tifel kien ikun ippreparat li jieħu postu għal kollox. Hekk il-missier ikun serraħ moħħu mill-futur ta' ibnu, min jimpjega kien ikun moqdi mingħajr ma jidħol f'iżjed spejjeż u s-sengħa kienet timxi minn ġenerazzjoni għall-oħra bla ma tinqata'.

Il-parti l-kbira tan-nies kienu bdiewa u t-tfal tagħhom, subien u bniet, kienu jtuhom daqqa t' id biex jieħdu ħsieb l-għelieqi u l-annimali. Hekk kienu jitgħallmu x-xogħol u meta jikbru, huma wkoll kienu jsiru bdiewa kapaċi. Għall-bqija, biex titgħallem sengħa kont trid tagħmel snin taħdem ta' lavrant ma' mgħallem. Kienet dinja differenti ħafna minn tal-lum. Ftit kont issib opportunità biex tbiddel il-karriera tiegħek u aktarx li ħajtek kienet tkun bħal tal-ġenituri tiegħek.

Fiż-Żminijiet tan-Nofs, it-tagħlim kien naqas mal-Ewropa kollha. F'Malta beda jiżdied it-tagħlim meta bdew deħlin l-ordnijiet reliġjużi bħall-Franġiskani Konventwali, il-Franġiskani Minuri, id-Dumnikani u oħrajn. Kull ordni reliġjuża [illegible] skola għan-novizzi. Xi wħud minn dawn kienu jkomplu l-istudji tagħhom barra minn Malta. Patrijiet kienu jagħmluha ta' *tutors* tat-tfal ta' familji għonja. Barra minn hekk, nafu li fl-Imdina kien hemm skola tal-Katidral għal dawk li riedu jsiru saċerdoti. Kien hemm skola l-Birgu u oħra f'Għawdex. Fis-seklu erbatax insibu li l-Università tal-Imdina kienet tħallas lil xi għalliema.[1]

Fis-seklu sittax, meta ġew il-Kavallieri ta' San Gwann, l-iskejjel f'Malta kienu tant ftit illi xi mexxejja, bħall-isqof u l-inkwiżitur, ħassew il-bżonn li ssir xi ħaġa. Fl-1593, il-Ġiżwiti fetħu skola f'dar qadima fil-Belt Valletta u fl-istess sena, il-

Gran Mastru beda jibnilhom kulleġġ ġdid, li beda jintuża sentejn wara. Dan kien imsejjaħ 'Collegium Melitense'. L-ewwel dmir ta' dan il-Kulleġġ kien li jipprepara żgħażagħ għas-saċerdozju. Kompla jiżviluppa u fl-1727 dan il-Kulleġġ beda jagħti *degrees* fil-Filosofija u fit-Teoloġija. Fl-1616, l-Isqof Cagliares fetaħ skola li biż-żmien kellha tiżviluppa f'Seminarju.

F'April tas-sena 1703, l-Isqof Cocco Palmerio sejjaħ Sinodu li ta ordnijiet dwar l-għalliema fl-iskejjel. Ladarba mhux it-tfal kollha kienu jiġu aċċettati fis-Seminarju, jew setgħu jidħlu fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, kien hemm bżonn ta' skejjel oħra, kemm fl-ibliet u kemm (imxerrda) mad-djoċesi. Ġie pprojbit li xi ħadd, kien min kien, jiftaħ skola mingħajr il-permess bil-miktub tal-Isqof. Ħadd ma kien jiġi aċċettat jekk ma jkunx ta' ħajja tajba u mgħallem biżżejjed fid-duttrina. Terġa', dawn kellhom joqogħdu għal eżami u jagħmlu stqarrija tal-fidi.[2]

Għalkemm l-iskejjel kienu nieqsa ħafna, kien hemm individwi li riedu jxerrdu t-tagħlim. Dawn kienu jifthu 'skola'; iżda mhux la kemm tgħid x'kienu jifhmu bi 'skola'; żgur li ma kellha xejn x'taqsam mal-iskejjel tal-lum. Il-petizzjonijiet bil-miktub li resssqu fil-Kurja juru liema suġġetti kienu jridu jgħallmu u f'liema raħal jew belt. Iżda l-parti l-kbira ta' dawn it-talbiet ma kinux jindikaw li kien se jkollhom xi impjegat, jew li huma stess kienu se jiġu impjegati f'xi skola ta' ħaddieħor. Allura wieħed ikollu jikkonkludi li dawn l-iskejjel kienu żgħar, xi klassi fid-dar tas-surmast stess jew forsi xi drabi fi knisja. Fil-parti l-kbira tagħhom ma jagħtux indikazzjoni tal-età tal-istudenti.[3]

Dwar is-suġġetti li kienu jiġu mgħallma f'dawn il-klassijiet, jissemmew: tagħlim tal-Katekiżmu, Duttrina Nisranija, qari, kitba, bażi tal-grammatika, filosofija, teoloġija morali, il-kant Gregorjan, studji umanistiċi, retorika u letteratura. Xi wħud minn dawn juru li l-istudenti kellhom xi ħsieb li jsiru saċerdoti. Oħrajn kienu bżonjużi għal-lajċi wkoll. Naraw illi l-varjetà tas-suġġetti kienet ristretta ħafna.

Il-petizzjonijiet jindikaw li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-għalliema kienu qassisin, għalkemm il-lajċi ma kinux nieqsa għal kollox. Din mhix informazzjoni sorprendenti. Il-qassisin kienu numru relattivament kbir u kollha kellhom xi tagħlim fil-kitba u fil-qari. Barra minn hekk, kienu qrib in-nies, jaħdmu fosthom u jafu l-bżonnijiet tagħhom. Forsi xi wħud kellhom bżonn xi dħul ieħor biex jgħixu, iżda l-ħlas, jekk u meta kien hemm, ma jidhirx fil-petizzjonijiet.

L-għanijiet li jissemmew kienu: għall-ġid tal-pubbliku, biex jgħallem fis-Seminarju, għax in-nies talbuh jiftaħ skola, għall-ġid tiegħu stess u tal-pubbliku, biex jagħmel użu mit-talenti tiegħu, biex jgħallem il-grammatika lit-tfal, għall-ġid tad-djoċesi (wara li ma baqax jaħdem ta' avukat), għall-vantaġġ tiegħu stess, biex jaħrab l-għażż, u għax f'dawk in-naħiet (tal-Belt Valletta) l-iskejjel kienu skarsi.[4]

Fit-30 t'April 1735 Don Giovanni Grech, qassis mill-Gudja, ressaq talba fil-Kurja biex jingħatalu permess mill-Isqof ta' dak iż-żmien, Paulus Alpheran de Bussan, u fiha wera kemm kien jixtieq jiftaħ skola pubblika fil-Gudja. Kien lest li jgħallem il-grammatika u suġġetti oħra. Fil-5 ta' Marzu tal-istess sena, it-talba tiegħu ġiet approvata u, wara li għamel stqarrija tal-fidi, ġie mogħti l-permess meħtieġ. Dan il-qassis jissemma drabi oħra. Fil-Vista Pastorali tal-1729 kien fil-lista ta' qassisin u kleriċi.[5] Dak iż-żmien kien għadu ħa biss ordnijiet minuri u ma kienx qassis. Kien ħa t-tonsura fis-16 t'April tal-istess sena. Fil-1745 jissemma bħala prokuratur tal-altar tal-Madonna tal-Karmnu. Dan kien l-uniku eżempju li sibna ta' qassis mill-Gudja li talab permess li jiftaħ skola.

Din kienet ħarsa ħafifa lejn l-iskejjel fl-imgħoddi li kif taraw kienu ferm differenti minn tal-lum. In-numru ta' skejjel kien iżgħar, ħafna mill-iskejjel kienu biss klassi, is-suġġetti mgħallma kienu ftit u numru żgħir kienu jattendu.

**Paul Farrugia**

1 Ara *Acta Iuratorum et Consilii Civitas et Insulae Maltae,* Godfrey Wettinger (Edtor), Palermo 1993, p 404 u p 525.
2 *Synodus Melitensis, Fratre D. Cocco Palmerio, 1703,* p.112.
3 Arkivji Kurja, Suppliki 1714-41.
4 Arkivji Kurja, Suppliki 1714-41.
5 Vista Pastorali ta' Paulus Alferan de Bussan, 1729.

